MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tat-12 ta' Settembru, 2003

Numru 47/2003

**Illum, 12 ta' Settembru, 2003**

**App Nru 47/03**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Michael Mizzi**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Michael Mizzi talli fit-22 ta' Awissu 2002 ghall-habta ta' 9.30am, wara li kien innotifikat b'avviz ta' l-infurzar fit-8 ta' Awissu 2002 taht Artikolu 41 ta' l-istess Att, naqas milli jhares il-htigijiet ta' dak l-avviz fil-bini tad-Dwejra Dives, Triq Fungus Rock, Dwejra, San Lawrenz, Ghawdex bi ksur ta' l-Art. 43(1)(c) ta' l-Att tan-1999 dwar Servizzi ta' l-Ivjaggar u tat-Turizmu Ghal Malta (Kap. 409);

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tas-26 ta' Frar 2003 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lil imsemmi Michael Mizzi mhux hati skond l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u lliberatu;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Generali, minnu pprezentat fil-24 ta' Marzu, 2003, li permezz tieghu talab ir-revoka tal-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tat-18 ta' Lulju, 2003; ikkunsidrat:

Il-ligi li qed tigi nvokata f'dak il-kaz mill-prosekuzzjoni (il-Pulizija Ezekuttiva u l-appellant Avukat Generali) ma hix ligi li wiehed jiltaqa' maghha regolarment f'din il-Qorti. L-Att dwar Servizzi ta' l-Ivjaggar u tat-Turizmu ghal Malta (Kap. 409) gie promulgat biss fl-1999, u dan jidher li huwa l-ewwel kaz li qed jingieb quddiem din il-Qorti, ghall-anqas kif illum presjeduta.

L-imputazzjoni hija cara u tipotizza r-reat kontemplat fl-Artikolu 43(1)(c) tal-imsemmi Kap. 409. Mill-provi jirrizulta li Michael Mizzi gie servut b' "enforcement notice" fid-9 ta' Awissu, 2002, liema avviz ta' infurzar (datat 8 ta' Awissu, 2002) inhareg taht l-Artikolu 41 tal-Kap. 409. Skond dana l-Artikolu 41(1), jekk ***"…l-Awtorita` (tat-Turizmu ta' Malta) jidhrilha li xi attivita` turistika qieghda titwettaq minghajr licenza, jew li xi kondizzjonijiet li ghalihom il-licenza ghal attivita` turistika tkun soggetta ma jkunux qeghdin jigu mharsa, jew li xi attivita` turistika li jkollha licenza tkun qieghda titmexxa kontra xi disposizzjonijiet u regolamenti ta' dan l-Att jew li graw cirkostanzi li jiggustifikaw ir-revoka ta' licenza, l-Awtorita` ghandha tinnotifika lis-sid ta' l-attivita` turistika…b'avviz biex l-attivita` tieqaf minnufih, jew, f'dawk il-kazijiet li ma jkunux jirrigwardaw attivita` turistika li ma jkollhiex licenza, li dik l-attivita` turistika tieqaf minnufih jew li dik l-irregolarita` tigi korretta."*** Dan l-avviz inhareg (u gie debitament notifikat lill-appellat) peress li l-Awtorita` kienet qed tikkontendi li huwa kien qed jikser l-Artikolu 43(1)(a) tal-Kap. 409, u cioe` kien qed imexxi attivita` turistika minghajr id-debita licenza. Huwa

gie ordnat biex iwaqqaf din l-attivita` turistika minnufih[1], izda, kif jirrizulta mill-verbal tal-udjenza tat-18 ta' Lulju, 2003, l-appellat Michael Mizzi baqa' jiggestixxi l-istabbiliment tieghu wara li gie servut bl-"enforcement notice". L-Avukat Generali, fl-appell tieghu, qed jikkontendi bazikament li l-ewwel qorti ghamlet enuncjazzjoni u tat interpretazzjoni zbaljata tal-ligi fir-rigward ta' x'jammonta ghal "attivita` turistika", kif ukoll minhabba li galadarba l-"enforcement notice" kien finali dan kellu jigi obdut. Jigi precizat ghal kull buon fini li f'dan il-kaz l-Avukat Generali ghandu dritt ta' appell kemm fuq punti ta' dritt kif ukoll fuq punti ta' fatt – ara l-Artikolu 45(4) tal-Kap. 409.

L-ewwel qorti lliberat lill-appellat ghax kienet tal-fehma li n-negozju li kien jiggestxxi, u cioe` "li jipprovdi servizz ghall-ghaddasa", ma kienx jammonta ghal "attivita` turistika" skond id-definizzjoni moghtija fl-Artikolu 2 tal-Kap. 409. Bid-dovut rigward lejn l-ewwel qorti, din il-Qorti ma taqbilx li dak li kien qed jipprovdi l-appellat ma kienx jinkwadra fid-definizzjoni ta' "attivita` turistika". L-espressjoni "servizzi ohra ta' turizmu"[2] li wiehed isib fid-definizzjoni ta' "attivita` turistika" hija wiesgha bizzejjed biex tinkludi "package holidays" ghal nies gejjin barra minn Malta. Issa, skond il-*brochure* ezibit fl-atti – liema *brochure* gie elevat mill-istabbliment ta' l-appellat (ara d-deposizzjoni tax-xhud Ludgard Gatt) – l-appellat kien jipprovdi "Complete Diving Holiday Pacakage Deal" bi "1. Flights into Malta International Airport, 2. Transfers by Taxi and Ferry to the sister island of Gozo, 3. Transfer by Helicopter". Dan kjarament huwa servizz ghat-turisti u mhux ghall-Maltin (jew Ghawdxin). Ghalhekk l-ewwel qorti ma kienitx korretta meta rriteniet li l-appellant ma kienx qed jipprovdi jew imexxi "attivita` turistika".

Pero` hemm raguni aktar impellenti ghala l-ewwel qorti kienet zbaljata fil-konkluzzjoni taghha li tillibera lill-

---

[1] It-tielet paragrafu ta' l-avviz ta' infurzar kien jghid hekk: *"Without prejudice to the Authority's right to take action in accordance with the provisions of article 42 in Part VII of the Malta Travel and Tourism Services Act 1999, you are hereby requested* ***to stop immediately this breach of the law*** *and to regularize your position."*
[2] *"...other tourism services..."* fit-test Ingliz tal-ligi.

appellat. Kif inghad, l-imputazzjoni tipotizza r-reat kontemplat fl-Artikolu 43(1)(c) tal-Kap. 409, u cioe` r-reat ta' min, wara li jkun gie notifikat b'avviz ta' infurzar jew avviz iehor taht l-Artikolu 41 jonqos milli jhares xi wahda mill-htigiet ta' dak l-avviz fiz-zmien specifikat fih jew minnufih, skond il-kaz. Il-ligi stess, fis-subartikolu (4) tal-Artikolu 41, tipprovdi ghal mezz ta' appell minn avviz ta' infurzar quddiem il-Bord ta' l-Appelli dwar it-Turizmu – ghalkemm ghandu jinghad ukoll li skond is-subartikolu (5) meta l-avviz ikun ipprojbixxa u / jew waqqaf attivita` turistika, l-appell ma jissospendix l-effett ta' l-avviz appellat izda jekk l-appell jigi milqugh, l-avviz ma jkollux aktar effett. Ma jirrizultax mill-provi jekk l-appellat Mizzi appellax quddiem dan il-Bord fi zmien hmistax-il gurnata min-notifika ta' l-avviz kif stabbilit fl-imsemmi subartikolu (4). Kien jispetta lill-imsemmi Bord li jezamina fl-ewwel lok jekk dak li kien qed jaghmel Mizzi kienx jehtieg licenza skond il-Kap. 409 – ara l-Artikolu 41(4)(a) – bi dritt ta' appell fuq punti ta' dritt lill-Qorti ta' l-Appell (Kompetenza Inferjuri) (Art. 14(2), Kap. 409). Sakemm l-avviz ta' infurzar kien ghadu fis-sehh, dan kien jammonta ghal ordni, *prima facie* legittimu fil-forma u fil-kontenut tieghu, ta' awtorita` kompetenti, u ghalhekk kellu jigi obdut, salv dejjem id-dritt ta' Mizzi li jirreklama dwar il-gustizzja intrinsika tieghu skond il-ligi (ara ***Il-Pulizija v. Austin Grech*** App. Krim. 6/10/1992). Ghalhekk ukoll l-appell ta' l-Avukat Generali jimmerita li jigi milqugh.

Ghall-motivi premessi tilqa' l-appell ta' l-Avukat Generali, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok, wara li rat l-Artikoli 41 u 43(1)(c)(2) tal-Kap. 409 issib lill-appellat Michael Mizzi hati skond l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u (1) tikkundannah multa ta' elf u hames mitt lira (Lm1,500) (konvertibbli f'sitt xhur prigunerija f'kaz ta' nuqqas ta' pagament skond il-ligi), u (2) tordna lill-hati Michael Mizzi sabiex inehhi l-kawzi tar-reat u jregga' lura kull haga li saret minghajr licenza billi, fil-kaz li ghadu minghajr id-debita licenza skond l-Artikolu 43(1)(a) tal-Kap. 409, jottempera ruhhu minnufih ma' l-avviz ta' infurzar datat 8 ta' Awissu, 2002 taht penali ta' multa ta' hames mitt lira ghal kull gimgha li n-nuqqas ikompli.

(ft.) V. DeGaetano
Prim Imhallef

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------